**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu, skont l-Artikolu 265 TFEU, dikjarazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligi tagħha billi ma ħaditx pożizzjoni fil-Każ C 36/07 (ex NN 25/07) — Il-Ġermanja vs Deutsche Post (ĠU 2007 C 245, p. 21).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jsostnu li peress li l-Kummissjoni ma ħaditx pożizzjoni fil-proċedura ta' investigazzjoni msemmija iktar 'il fuq f'terminu raġjonevoli, hija kisret l-Artikoli 7 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 (1).

Barra minn hekk, billi naqset milli tieħu pożizzjoni f'terminu raġjonevoli, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali. Skont ir-rikorrenti, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kellu jiġi rrispettat peress li huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali komuni fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, dan il-prinċipju huwa ripprodott b'mod ċar fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Dirttijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010 C 83, p. 389).

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE. (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2010 — Borax Europe vs ECHA

**(Kawża T-346/10)**

(2010/C 288/95)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Borax Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Nordlander, lawyer u H. Pearson, Solicitor)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors għal annullament inammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni meħuda mill-ECHA li tidentifika ċerti sustanzi tal-borati bħala "sustanzi ta' tħassib serju" li jssodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 57(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament REACH") (1) u li tniżżilhom fil-lista ta' sustanza ta' tħassib serju kandidati għall-awtorizzazzjoni (iktar 'il quddiem il-"lista ta' kandidati"), tat-18 ta' Ġunju 2010 (iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat.");

— tikkundanna lill-ECHA għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-ECHA li tidentifika ċerti sustanzi tal-borati bħala "sustanzi ta' tħassib serju" li jssodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 57(ċ) tar-Regolament REACH u li tniżżilhom fil-lista ta' kandidati tat-18 ta' Ġunju 2010. L-attenzjoni tar-rikorrenti għall-att ikkontestat nġibdet permezz ta' stqarrija uffiċjali tal-ECHA tat-18 ta' Ġunju 2010.

Is-sustanzi tal-borati li r-rikorrenti tikkontesta l-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' kandidati mill-att ikkontestat huma: l-aċidu boriku, Nru CAS 10043-35-3, Nru CE 233-139-2; it-tetraborat tad-dissodju anidru, it-tetraborat tad-dissodju dekaidrat, it-tetraborat tad-dissodju pentaidrat (Nri CAS 1330-43-4, 1303-96-4, 12179-04-3, Nru CE 215-540-4) (iktar 'il quddiem il-"borati").

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tressaq tliet motivi.

L-ewwel motiv: l-att ikkontestat għandu jiġi annullat sa fejn huwa bbażat fuq xi fajls li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Anness XV li fihom xi żbalji manifesti, li jirriżultaw fi ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali previsti fl-Artikolu 59 tar-Regolament REACH. Bħala ġustifikazzjoni tal-azzjoni tal-ECHA, dawn il-fajls jindikaw li l-borati huma attwalment ikklassifikati fil-parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li huwa fattwalment, mhux eżatt.

It-tieni motiv: l-ECHA adotta l-att ikkontestat mingħajr ma wettqet il-funzjoni tagħha li tikkonsisti li teżamina "fil-mertu" jekk il-borati jissodisfawx ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 57(ċ) tar-Regolament REACH. Minħabba dan, billi adottat l-att ikkontestat, l-ECHA wettqet żbalji ta' evalwazzjoni manifesti, marret lill'hinn mis-setgħat tagħha u kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

It-tielet motiv: fl-aħħar, il-borati ma jissodisfawx il-kriterji, previsti fl-Artikolu 57(ċ) tar-Regolament REACH, għall-klassifikazzjoni bħala sustanzi tossiċi għar-reproduzzjoni, tal-kategorija 1 jew 2, skont id-Direttiva 67/548/KEE. Konsegwentement, huma ma humiex "sustanzi ta' tħassib serju", u l-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' kandidati mill-att ikkontestat tikser l-Artikolu 59(8) tar-Regolament REACH.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1).

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2010 — Adelholzener Alpenquellen vs UASI (forma ta' flixkun b'enfasi ta' immaġni ta' tliet quċċati ta' muntanji)

**(Kawża T-347/10)**

(2010/C 288/96)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Adelholzener Alpenquellen GmbH (Siegsdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Rauscher, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-9 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 1516/2009-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni).

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark tridimensjonali fil-forma ta' flixkun b'enfasi ta' immaġni ta' tliet quċċati ta' muntanji)

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [1], peress li t-trade mark inkwistjoni għandha karattru deskrittiv, kif ukoll ksur tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ma kellux dritt jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq nuqqas ta' disclaimer, u ksur tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li r-rikorrenti ma rrappreżentatx l-immaġni li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni.

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2010 — Panzeri vs UASI — Royal Trophy (Royal Veste e premia lo sport)

**(Kawża T-348/10)**

(2010/C 288/97)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Luigi Panzeri (Monguzzo, l-Italja) (rappreżentant: C. Galli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Royal Trophy Srl (Cava de Tirreni, l-Italja)

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-20 ta' Mejju 2010 u dik tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-30 ta' Ġunju 2009;